VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,921, 14 ta' Diċembru, 2017*
*Taqsima B*

**A.L. 368 tal-2017**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

## Ordni tal-2017, ta' *Standard* Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2017 ta' *Standard* Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali, u dan l-ordni għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2018.

L-inqas paga nazzjonali *standard.*

**2.** L-inqas paga nazzjonali *standard* fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

(a) ta' età 18-il sena u fuqhom ………………€ 172.51;

(b) ta' età 17-il sena …………………………€ 165.73;

(ċ) taħt is-17-il sena …………………………€ 162.89.

Impjegati *part-time.*

**3.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli *whole-time* li tkun tapplika skont l-inqas paga tal-ordni dwar kunsill tal-pagi li jirregola l-pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn ordni dwar kunsill tal-pagi li jirregola l-pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-inqas paga nazzjonali s*tandard* li tkun tapplika, kif stabbilita skont l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħin.

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

**4.** Meta xi ordni dwar kunsill tal-pagi li jirregola l-pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat fir-rigward tal-2018 m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-ordni dwar kunsill tal-pagi li jirregola l-pagi applikabli għal 2017, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żjidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment japplikaw għall-impjegati *whole-time* kollha skont l-artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'xi żjidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali applikabli fir-rigward tal-2018.

Kap. 452.